**14 ta' Diċembru, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Carmelo Morana

*versus*

Nutar Dr. Joseph Spiteri et.

**Rexissjoni — Effetti.**

*Kuntratt jista' jiġi rexiss jew riżolut mhux biss b'azzjoni analoga minħabba xi raġuni ta' invalidità jew nullità, jew ħaġa oħra li tkun tirrendieh rexxindibbli, imma wkoll, u sempliċement, bil-volontà tal-partijiet kontraenti.*

*L-effett tar-rexissjoni, mbgħad, hu dak li l-partij'et jiġu mqegħdin fl-istess pożizzjoni li kienu qabel ma għamlu l-kuntratt li mbgħad irrexxindew, b'mod li kull parti tirrestitwixxi lill-parti l-oħra dak li rċeviet minn għandha bis-saħħa tal-kuntratt rexiss; iżda anki dan l-effett jista' j'ġi modifikat mill-partijiet meta jiġu biex jirrexxindu l-kuntratt li għamlu, jiġifieri illi dan l-effett mhux konsegwenza inevitabbli tal-att tar-rexissjoni; għax l-att tar-rexissjoni ikun kuntratt ġdid li l-partijiet, almenu għal dawk li huma relazzjonij'et ta' bejniethom, huma liberi li jirregolaw kif iridu. U għalhekk tkun kwistjoni ta' provi xi tkun il-pożizzjoni reċiproka tal-partijiet bħala konsegwenza tal-att tar-rexissjoni, jiġifieri x'ikollu wieħed jagħti lill-ieħor bħala konsegwenza ta' dak il-kuntratt skond il-ftehim li jkunu għamlu qabel ma stipulawh.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza preċedenti tagħha tas-26

ta' Mejju 1952, li biha fiha jinsabu rijassunti ċ-ċitazzjoni *tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha kien ġie* konfermat id-digriet tal-Ewwel Qorti tal-14 ta' Marzu 1952, li kien irrespinġa l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens li l-attur ma kellux dritt iġib provi testimonjali kontra l-kuntratt in kwistjoni, u ammetta lill-istess attur iġib dawk il-provi biex isostni l-pretensjoni tiegħu miġjuba fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' Mejju 1954, li biha ġie deċiż illi l-kuntratt li sar bejn il-kontendenti *fit-22 ta' Jannar 1951 fl-atti tan-Nutar Micallef Tri*gona, għad illi sar bl-isem ta' retratt konvenzjonali, fil-fatt kien att ta' rexissjoni tal-kuntratt l-ieħor fl-istess atti tal-4 ta' Jannar 1950, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-attur jippretendi illi l-ewwel kuntratt, dak magħmul fl-atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona tal-4 ta' Jannar 1950, ġie rexiss, u illi r-retratt fit-tieni kuntratt, magħmul fl-atti tal-istess nutar fit-22 ta' Jannar 1951, hi dikjarazzjoni improprja *tar-rexissjoni tiegħu*. Fi kliem ieħor, l-attur jippretendi illi l-kuntratt li sar fit-22 ta' Jannar 1951, inattiża d-diċitura tiegħu, hu rexissjoni tal-kuntratt preċedenti. Il-konvenuti jallegaw illi t-tieni kuntratt mhux ħaġ'oħra ħlief sempliċi retratt;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi bil-kuntratt tal-1950 l-attur biegħ lill-konvenuti l-fondi hemm indikati bil-prezz ta' £4700. Dan il-prezz kien fittizju, billi fir-realtà kien £4200, u ġie ndikat dak ta' £4700, jiġifieri £500 iżjed, biex *jiġi dissważ illi jeżerċita d-dritt ta' rkupru* min kellu d-dritt li jeżerċitaħ fuq dawk il-fondi mibjugħin. Barra minn hekk, u biex il-konvenuti jkollhom ċertezza akbar, huma ġiegħelu lill-attur, venditur f'dak il-kuntratt, jobliga ruħu, kif fil-fatt għamel, illi jeżerċita l-irkupru konvenzjonali fi żmien ħmistax il-xahar fil-każ li xi ħadd jeżerċita d-dritt ta' rkupru fuq il-fondi mibjugħa lilhom. Biex iżjed iżommu s-skiet, il-konvenuti ftehmu illi l-kera tal-fondi mibjugħin lilhom jibqa' jiġbru l-attur, u mbgħad jgħaddieh lilhom. Fil-kuntratt tal-bejgħ ġie ndikat mill-attur kemm kien *jikri l-fondi mibjugħa*. Però ġara illi

l-attur ma bediex idaħħal il-kera hekk indikat, u konsegwentement ma bediex jgħaddi lill-konvenuti l-kera talfondi kif kien ġie ndikat fil-kuntratt. Meta raw illi ma kienux qegħdin idaħħlu l-kera daqs kemm kien ġie ndikat fil-kuntratt tal-bejgħ, il-konvenuti qalu lill-attur biex jerġa jieħu lura l-fondi li kien begħelhom. Għall-ewwel ftehmu x'kellhom jagħmlu, kif sejjer jingħad, u ddeċidew li jagħmlu l-kuntratt relattiv. Biex jevitaw spejjeż kemm jista' jkun, il-konvenuti suġġerew illi l-kuntratt isir taħt forma ta' retratt konvenzjonali, li l-attur kien irriżerva fil-kuntratt tal-bejgħ favur tiegħu; u effettivament fit-22 ta' Jannar 1951 sar dak il-kuntratt;

Illi minn dan li ngħad jidher ċar illi f'dan it-tieni kuntratt il-kontendenti ma riedux jagħmlu, u ma għamlux, kuntratt ta' retratt konvenzjonali, imma riedu jagħmlu, kif għamlu, rexissjoni tal-ewwel kuntratt, dak tal-bejgħ. U dan, il-kontendenti setgħu jagħmluh. Infatti, kuntrarjament għal dak li jallegaw il-konvenuti, jiġifieri illi l-ewwel kuntratt ma ġiex u ma setgħax jiġi rexiss, għaliex ma kienx affett minn ebda vizzju li bih kull parti li ħadet sehem fih setgħet titlob ir-rexissjoni tiegħu, hu magħruf illi kuntratt jista' jiġi riżolut mhux biss b'azzjoni analoga minħabba xi raġuni ta' invalidità jew nullità, jew ħaġa oħra li tkun tirrendieh rexxindibbli, imma wkoll, u sempliċement bil-volontà tal-partijiet kontraenti (Laurent, Diritto Civile, Vol. I, para. 223; Baudry, Obbligaz. Vol. I, para. 338; Giorgi, Obbligaz. Vol. VII, para. 1, 330 u seq., 332); u fil-każ taħt eżami jirriżulta illi l-kontendenti bittieni kuntratt riedu jħassru l-kuntratt ta' qabel, dak tal-4 ta' Jannar 1950;

Rat is-sentenza l-oħra tal-istess Qorti tas-27 ta' Novembru 1958, li biha laqgħet it-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' £251.14.0 u rrespinġietha għall-kumplament, bl-ispejjeż, barra dawk deċiżi qabel, skond ir-reb[illegible] u t-telf rispettiv; wara li kkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża jinsabu rijepilogati fiż-żewġ sen[illegible] tenzi ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu 1952 u tad-19 t[illegible] Mejju 1954 fuq imsemmijin. L-attur fiċ-ċitazzjoni jippretendi li l-kuntratt tat-22 ta' Jannar 1951, bejnu u l-kon-

venuti, fl-atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona, għalkemm magħmul taħt forma ta' retratt konvenzjonali, ma kienx ħaġ'oħra ħlief att li bih ġie rexiss il-kuntratt tal-bejgħ magħmul bejn l-istess partijiet fl-atti tal-istess nutar fl-4 ta' Jannar 1950, u li għalhekk, in forza ta' dan il-kuntratt, il-partijiet kellhom jiġu fl-istess stat li fih huma kienu qabel ma sar l-imsemmi kuntratt tal-bejgħ, u li biex jiġu f'dak l-istat il-konvenuti baqgħalhom iħallsuh is-somma ta' £318;

Bis-sentenza tad-19 ta' Mejju 1954, din il-Qorti ddeċidiet li l-imsemmi kuntratt tat-22 ta' Jannar 1951, fl-intenzjoni tal-partijiet, kien att ta' rexissjoni, u mhux ta' retratt. Jibqa' issa li jiġi deċiż jekk l-attur għandux jieħu minn għand il-konvenuti s-somma ta' £318 minnu pretiża. Il-konvenuti jallegaw li d-domanda tal-attur biex huma jħallsuh is-somma ta' £318 oħra mhix sostenibbli, għaliex huma ġa llikwidaw bi ftehim reċiproku l-pendenzi kollha ta' bejniethom qabel ma sar il-kuntratt ġa msemmi tal-1951;

Illi l-perit legali, fir-relazzjoni tiegħu, osserva li, skond ma ġie deċiż minn din il-Qorti bis-sentenza msemmija tal-1954, il-kuntratt tat-22 ta' Jannar 1951 hu att ta' rexissjoni għalkemm magħmul taħt forma ta' retratt konvenzjonali. Huwa jirrileva illi r-rexissjoni għandha bħala effett li tirrimetti l-partijiet fl-istat li kienu jinsabu fih qabel ma għamlu l-ewwel kuntratt, imma li dan l-effett fir-rexissjoni jkun hemm lok għalieh jekk ma jkunx hemm minn qabel ftehim kuntrarju għalieh mill-partijiet; u jissottometti li fil-każ taħt konsiderazzjoni kien hemm appuntu ftehim bejn il-kontendenti, qabel ma sar l-imsemmi kuntratt, kif huma kellhom jaslu biex iwaqqgħu l-kuntratt li kien sar qabel bejniethom, ċjoè skond il-konteġġi li jidhru fid-dokument fil-fol. 51 tal-proċess. Għalhekk il-perit legali kkonkluda sfavorevolment għall-pretensjoni tal-attur, billi ssottometta li, meta l-kontendenti ġew biex jagħmlu l-kuntratt tat-22 ta' Jannar 1951, huma kienu għamlu l-konteġġi finali, b'mod li l-attur ħareġ debitur tal-konvenuti fis-somma ta' £1000, li l-lum tinsab imħallsa, u hekk ġew likwidati l-pendenzi kollha relattivi għaż-żewġ kuntratti — dak tal-bejgħ tal-fondi u l-ieħor tar-rexissjoni ta' dak il-bejgħ;

Illi din il-Qorti ma taqbelx mal-konklużjoni raġġunta mill-perit legali. Infatti, skond il-perit legali l-konvenuti riedu huma wkoll bit-tieni kuntratt jirrexxindu l-ewwel wieħed, għalkemm taħt ċerti kondizzjonijiet. F'dan irrigward, però, jingħad li t-teżi tal-konvenuti qatt ma kienet dik li t-tieni kuntratt kien ta' rexissjoni, imma dik li dan l-att kien ta' retratt konvenzjonali, u li fih huma deħru biex jirrivendu lill-attur il-fondi li huwa kien begħelhom, u mhux biex jirrexxindu l-ewwel kuntratt, dak tal-bejgħ; anzi huma sostnew li l-ewwel kuntratt ma setgħux jiġi rexiss. Kienet din il-Qorti, bis-sentenza msemmija tad-19 ta' Mejju 1954, li l-konvenuti ma appellawx minnha u li għaddiet f'ġudikat, li ddikjarat, skond ma ppretenda l-attur, li t-tieni kuntratt kien att ta' rexissjoni. Minn din is-sentenza jsegwi neċessarjament li l-imsemmijin konteġġi saru mill-konvenuti b'mod erroneu, għaliex magħmula a bażi tat-teżi tagħhom, respinta mill-Qorti bis-sentenza msemmija, li t-tieni kuntratt hu att ta' retratt konvenzjonali; u l-perit legali ġie appuntu nominat mill-Qorti bl-inkarigu li jistabbilixxi l-ammont li, għar-raġunijiet imsemmijin fiċ-ċitazzjoni, jiġifieri li t-tieni kuntratt hu att ta' rexissjoni, l-attur għandu jieħu minn għand il-konvenuti. Kompitu tal-perit legali kien, għalhekk, li jagħmel konteġġi oħra fuq il-bażi msemmija;

L-istess konvenuti ssottomettew, fin-nota tagħhom tal-20 ta' Marzu 1953, illi, jekk it-tieni kuntratt kellu jiġi kunsidrat bħala att ta' rexissjoni, il-konteġġi ma kellhomx jibqgħu dawk magħmula minnhom, u li jidhru fil-fol. 51 tal-proċess, imma għandhom ikunu kif indikati minnhom f'dik in-nota. Konsegwentement, ladarba l-Qorti ddeċidiet li dak il-kuntratt realment hu att ta' rexissjoni, u dik id-deċiżjoni kienet għaddiet f'ġudikat, il-perit legali ma kellux jagħmel ħaġ'oħra ħlief li jgħaddi biex jifforma konteġġi oħra;

Illi fin-nuqqas, da parti tal-perit legali, li jagħmel l-imsemmijin konteġġi, l-istess jiġu magħmula mill-Qorti. Dawn il-konteġġi għandhom isiru b'mod li jitqies li l-bejgħ imsemmi fl-ewwel kuntratt ma sar qatt, ċjoè li l-fondi qatt ma ħarġu mill-pussess tal-attur, u kull wieħed mil-kontendenti għandu jagħti jew jirċievi minn għand l-ieħor

dak li huwa rċieva jew ħallas għall-ieħor fiż-żmien li għadda bejn meta saru ż-żewġ kuntratti, dak bejn l-4 ta' Jannar 1950 u t-22 ta' Jannar 1951, għar-rigward tal-istess fondi;

Illi ma hemmx kwistjoni bejn *il-kontendenti li l-konvenuti*, fiż-żmien li ġie ndikat, inkassaw mill-fondi bħala kera s-somma komplessiva ta' £378, liema somma għandu jeħodha l-attur; minbarra din is-somma, però, l-attur ma għandux jieħu xejn aktar minn għand il-konvenuti. Lanqas ma hemm kwistjoni bejn il-kontendenti li l-konvenuti għandhom *jieħdu minn għand* l-attur (a) £54,15.0 għaċċens......; minbarra din is-somma komplessiva ta' £126.6.0 il-konvenuti ma jidhrux li għandhom jieħdu xi somma oħra minn għand l-attur. Il-konvenuti, però, fin-nota tagħhom ġa msemmija, jsemmu li għandhom jieħdu minn għand l-attur is-somma......;

Illi għalhekk, meta mis-somma ta' £378 *li* l-attur għandu jieħu minn għand il-konvenuti, tiġi dedotta dik komplessiva ta' £126.6.0, li l-konvenuti għandhom jieħdu minn għand l-attur, l-istess attur jibqa' kreditur tal-konvenuti fis-somma bilanċjali ta' £251.15.0, u mhux f'idk minnu reglamata fiċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota li biha l-konvenuti appellaw mill-aħħar żewġ sentenzi fuq imsemmija, tad-19 ta' Mejju 1954 u tas-27 ta' Novembru 1958 rispettivament, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu (1) li l-ewwel sentenza tiġi revokata, billi jiġi deċiż li t-tieni kuntratt li sar bejn il-kontendenti kien retratt konvenzjonali reali regolarment eżerċitat *mill-attur, preċedut minn konteġġi li saru bejn il-parti*jiet u bi ftehim li kullħadd kien soddisfatt b'dawk il-konteġġi, bl-ispejjeż kontra l-attur; (b) u li, fil-każ li dik is-sentenza tiġi konfermata, tiġi riformata s-sentenza l-oħra tas-27 ta' Novembru 1958, billi jiġi revokat il-kap li bih huma ġew kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' *£215.14.0 u l-kap tal-ispejjeż, in* kwantu huma ġew kundannati jħallsu parti mill-ispejjeż, billi jiġi deċiż għaċ-ċaħda tat-talba u li huma mhumiex debituri lejn l-attur f'ebda ammont, u dik is-sentenza tiġi konfermata fil-bqija, fejn

ċaħdet in parti t-talba tal-attur u waħħlet lilu parti mill-ispejjeż; bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-attur;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Dwar *l-appell mis-sentenza* tad-19 ta' Mejju 1954;

B'din is-sentenza ġie ritenut, *kif* ġa ntqal, illi bit-tieni kuntratt il-kontendenti ma riedux jagħmlu, u ma għamlux, kuntratt ta' retratt konvenzjonali, imma riedu jagħmlu, *kif* għamlu, rexissjoni tal-ewwel kuntratt, dak tal-bejgħ, u ġiet milqugħa t-talba tal-attur għad-dikjarazzjoni f'dak *is-sens;*

*Il-pretensjoni tal-konvenuti hi illi* t-tieni kuntratt bejnhom u l-attur kien retratt konvenzjonali reali. Din il-pretensjoni hi addirittura nieqsa mis-serjetà. Biżżejjed jingħad dan li ġej. Ir-retratt konvenzjonali, skond il-liġi, huwa "dritt" jew "fakoltà" *riżervata* mill-venditur fil-kuntratt tal-bejgħ, normalment fl-interess esklużiv tiegħu; mentri bl-istipulazzjoni magħmula fl-ewwel kuntratt ta' bejgħ l-*eżerċizzju* da parti tal-attur venditur ta' dak ir-retratt ġie deformat f'"obligu" għalieh u fl-interess tal-*konvenuti xerrejja. "Jiena ddeċidejt", qal il-konvenut Dr.* Cassar Galea fix-xhieda tiegħu fol. 48 tergo, li nagħmel il-grazzja favur tas-Sur Carmelo Morana, u billi jiena ma avdajtux għamilthielu b'forma ta' obligu". Terġa, dan l-"obligu" f'dak l-ewwel kuntratt ġie subordinat għall-kondizzjoni illi "terzi persuni jeżerċitaw ir-retratt legali". Din il-kondizzjoni ma avveratx ruħha. Huwa *sempliċement* assurd f'dawn iċ-ċirkustanzi li jingħad, kif jippretendu l-konvenuti, illi t-tieni kuntratt sar in eżekuzzjoni ta' xi *dritt ta' retratt konvenzjonali riżervat* fl-ewwel *kuntratt;*

Lanqas *l-intenzjoni tal*-partijiet ma kienet l-eżerċizzju ta' retratt. Del resto, l-istess konvenuti jistqarru ċar u tond, fid-dikjarazzjoni tagħhom annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet (fol. 13 tergo), illi l-forma u l-isem ta' rivendizzjoni fuq l-eżerċizzju tad-dritt ta' retratt konvenzjonali ġiet magħmula fit-tieni kuntratt biex jiffrankaw spej-

jeż. L-istess haġa qalu l-konvenuti fin-nota tagħhom fol. 71, ċjoè li l-kuntratt ġie mogħti forma ta' retratt konvenzjonali sempliċement biex jiġu evitati spejjeż ta' bolli "ad valorem";

Dak li riedu jagħmlu, u għamlu, il-partijiet, kien kuntratt ġdid li bih huma rrevokaw jew irriżolvew (aħjar milli "irrexxindew") l-ewwel kuntratt. L-istess konvenuti, fin-nota tagħhom fol. 71, qalu li dak il-kuntratt mhux ħaġ' oħra ħlief bejgħ mill-ġdid (minnhom) lill-attur tal-proprjetà preċedentement trasferita lilhom. Kif ripetutament il-partijiet, ċjoè tant l-attur kemm il-konvenuti, qalu fix-xhiediet tagħhom, bit-tieni kuntratt huma riedu jikkanċellaw, iħassru, ineħħu l-ewwel kuntratt. Lanqas hemm bżonn jingħad li tajjeb qalet l-Ewwel Qorti illi "kuntratt jista' jiġi riżolut mhux biss b'azzjoni analoga minħabba xi raġuni ta' invalidità jew nullità, jew ħaġ'oħra li tkun tirrendieh rexxindibbli, imma wkoll u sempliċement bil-volontà tal-partijiet kontraenti";

F'dan is-sens, għalhekk, l-appell tal-konvenuti missentenza tad-19 ta' Mejju 1954 għandu jiġi, kif qiegħed jiġi, miċħud; bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Dwar il-appell mis-sentenza tas-27 ta' Novembru 1958;

Issa l-Ewwel Onorabbli Qorti assumiet, bħala konsegwenza inevitabbli tal-konklużjoni raġġunta kif intqal fuq, illi bir-riżoluzzjoni tal-ewwel kuntratt konvenzjonalment magħmu'a, il-partijiet ġew imreġġgħin fl-istat "quo ante" l-ewwel kuntratt, b'mod li kull parti kellha tabilfors tirrestitwixxi lill-parti l-oħra dak kollu li rċeviet bis-saħħa tal-ewwel kuntratt. Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbelx ma' dan ir-raġunament;

Ġa ntqal aktar il-fuq illi t-tieni kuntratt ma kienx l-effett tal-verifika ta' xi kondizzjoni riżoluttiva. Anqas kien l-eżerċizzju veru ta' dritt ta' retratt konvenzjonali. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-liġi relattivi għal dawn l-istituti mhumiex applikabbli. Lanqas hi applikabbli, kif donnha ħasbet l-Ewwel Qorti, id-dispożizzjoni tal-art. 1252 tal-Kodiċi Ċivili, li tirregola l-effetti tar-rexissjoni tal-kun-

tratti fuq azzjoni ta' rexissjoni, fil-każijiet kontemplati mill-liġi. *Hawnhekk si tratta, kif ġa ntqal, ta' riżoluzzjoni* jew tħassir ta' kuntratt b'konvenzjoni, jew ftehim volontarju tal-partijiet. Cjoè, in sostanza si tratta ta' kuntratt ġdid, li l-partijiet, almenu għal dawk li huma r-relazzjonijiet ta' bejniethom, kienu liberi li jirregolaw kif iridu;

Għalhekk, din hi kwistjoni ta' provi. Sfortunatament, fil-każ preżenti dawn huma konfużi mill-aktar, u ġew komplikati minħabba li l-partijiet għażlu fiż-żewġ kuntratti li jirrikorru għal ċerti artifizi deplorevoli suġġeriti prinċipalment mill-konvenuti, iżda li fihom ħa parti volontarja wkoll l-attur. Issa, il-prova li l-attur għandu jieħu minn għand il-konvenuti l-ammont reklamat fiċ-ċitazzjoni, jew xi ammont ieħor, tmiss lilu; u wara li qieset bir-reqqa dak li rriżulta, din il-Qorti ma tħossx li l-attur issoddisfa dan il-piż tal-prova;

It-teżi tal-konvenuti hija illi, meta ġie biex isir it-tieni kuntratt, li bih kien ser jitħassar il-kuntratt preċedenti ta' xiri, il-ftehim bejnhom u l-attur kien li kullħadd jibqa' b'li ħa. Saru xi konteġġi bejniethom, li minnhom irriżulta li l-attur kien debitur lejhom ta' bilanċ ta' £1000, u sar it-tieni kuntratt, u bih l-attur ikkostitwixxa ruħu debitur lejn il-konvenuti f'dak l-ammont. Fix-xhieda tiegħu fol. 48 tergo l-konvenut Nutar Spiteri qal ...... Anki l-konvenut Dr. Cassar Galea xehed......;

Li qabel ma sar it-tieni kuntratt saru konteġġi bejn il-partijiet ma jistax ikun hemm dubju. Dan jirriżulta mhux biss mix-xhieda tal-konvenuti, iżda anki mid-dokument fol. 51. Dawk il-konteġġi ma huma ċari xejn, u anqas ġew spjegati affattu kjarament mill-konvenuti, non ostanti l-insistenzi ta' din il-Qorti. B'dan kollu jibqa' fatt li konteġġi saru, u l-attur stess jammetti li saru dak inhar li l-kontendenti marru għall-kuntratt (fol. 59);

F'din l-istess depożizzjoni l-attur jagħmel ammissjonijiet oħra li huma tal-akbar ħsara għat-teżi stess tiegħu. Hu qal:— "Il-bejgħ sar żmien......;

Kien ikun sommament stramb illi, wara li saru l-konteġġi "biex jillikwidaw", u marru għand in-nutar biex

jagħmlu l-kuntratt "għaliex illikwidaw", l-attur jikkostitwixxi ruħu debitur lejn il-konvenuti f'ammont ta' £1000, u ma jitnaqqasx minnhom l-ammont li suppost kellu jiġi rifuż lilu, u anqas issir ebda riżerva jew tismija oħra. Il-fatt stess illi fil-kors tal-kawża l-attur irriveda aktar minn darba l-ammont suppost dovut lilu, *billi naqqas mis-somma* oriġinarjament pretiża diversi ammonti il hu rrikonoxxa li kellu jirrifondi lill-konvenuti, ikompli jindebolixxi l-prova tiegħu, ġaladarba hu jammetti li qabel il-kuntratt huma "llikwidaw bejniethom". X'illikwidaw, jekk il-pendenzi kollha ta' kreditu u debitu, jew almenu dawk kollha importanti, *għad iridu jiġi likwidati?*;

F'din l-inċertezza tal-provi tal-attur il-Qorti ma tistax tiskarta t-teżi tal-konvenuti, li tidher anki verosimili fiċ-ċirkustanzi, illi t-tieni kuntratt kien preċedut minn likwidazzjoni tal-pendenzi kollha bejn il-partijiet, u kwindi ma hemmx lok ta' ebda konteġġ issa;

*Dwar din il-konklużjoni, il-Qorti taqbel mar-riflessjo*nijiet li saru mill-perit legali nominat mill-Ewwel Qorti, fol. 85-98. Anki jekk dak il-kuntratt kien riżoluzzjoni tal-ewwel kuntratt, il-partijiet kienu liberi, kif ġa ntqal, li jirregolaw ir-relazzjonijiet tagħhom b'dak il-mod; u anqas jista' jingħad, kif donnha rraġunat l-Ewwel Qorti, illi l-*likwidazzjoni* li għamlu saret "bi żball" (apparti li din mhix il-kawżali taċ-ċitazzjoni), ġaladarba ġie stabbilit illi, non ostanti l-forma esterna tat-tieni kuntratt, dak li veramENT riedu u ntendew il-partijiet kien ir-riżoluzzjoni tal-ewwel kuntratt bil-pattijiet li ftehmu;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenuti, tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Novembru 1958, u tiċħad it-talba tal-attur. L-ispejjeż, tant tal-prima istanza kemm tal-appell, minħabba ċ-ċirkustanzi fuq rilevati jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, ħlief id-dritt tar-Reġistru, li jitħallas mill-attur.